MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 2417/1998/1

Stanley u Margaret konjuġi **SULLIVAN**

vs

Stephen **BROWNING GILMOUR** u Claire Bourke-Jones u d’degriet tal-24 ta’ Mejju, 2000, l-Avukat Grazio Merċieca ġie nominat bħala Kuratur għall-konvenuti assenti minn Malta

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-23 ta’ Novembru, 1998, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi talbu li din il-Qorti (a) ssib li l-imħarrkin jaħtu għad-danni mġarrbin minnhom minħabba nuqqas ta’ tħaris tal-obbligazzjonijiet min-naħa tal-istess imħarrkin fi ftehim ta’ kera li sar fit-13

ta' Mejju, 1998, dwar stabiliment bl-isem ta' "*Tower Point Guest House*", f'numru 4, Triq Sir George Borġ, Sliema; (b) tillikwida d-danni kollha mġarrbin minnhom minħabba l-imsemmi inċident bi ħtija tal-istess imħarrkin; u (ċ) tikkundanna lill-istess imħarrkin iħallsuhom id-danni hekk likwidati. Talbu wkoll l-ispejjeż u l-imgħax legali;

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-22 ta' Novembru, 1999[1], li bih u fuq talba magħmula mill-atturi f'rikors tagħhom tas-17 ta' Novembru, 1999, ordnat li n-notifika tal-imħarrkin issir permezz tal-proċedura tal-affissjoni u tal-pubblikazzjoni;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-7 ta' Marzu, 2000[2], li biha u wara rikors li tressaq mill-avukat Grazio Merċieca fl-24 ta' Diċembru, 2000, laqgħet it-talba billi sabet li l-imħarrkin kienu ilhom neqsin minn Malta għal bosta xhur u b'hekk l-atturi kellhom jirregolaw irwieħhom kif jixraq għall-ħatra ta' kuraturi deputati għall-assenti;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-24 ta' Mejju, 2000, li bih ħatret lill-Avukat Dottor Grazio Merċieca bħala kuratur deputat biex jidher għall-imħarrkin;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-Avukat Dottor Grazio Merċieca fil-kwalita' tiegħu ta' Kuratur Deputat, fl-4 ta' Settembru, 2000, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, (i) qajjem il-kwestjoni tal-*privilegium fori* ladarba, qabel ħallew dawn il-Gżejjer, il-kostitwenti tiegħu kienu jgħixu f'Ghawdex, tant li proċeduri kawtelatorji mibdijin mil-atturi kontrihom kienu diġa' tressqu fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri Ċivili, u b'hekk irradikaw il-kompetenza ta' dik il-Qorti għall-kwestjoni; u (ii) li l-imħarrka Claire Burke Jones ma kellha l-ebda rabta ġuridika mal-atturi ladarba hija ma kellha l-ebda sehem fl-iffirmar tal-ftehim tal-kirja u lanqas qatt ħadet sehem fit-

[1] Paġ. 28 tal-proċess
[2] Paġġ. 52 – 3 tal-proċess

tmexxija tal-fond. Fil-mertu, laqa' billi qal li l-kirja ma tiswiex minħabba l-kawża illeċita billi l-oġġett tagħha kien kontra l-liġi. Żied jgħid ukoll li l-kunsens tal-imħarrek Stephen Brownrigg Gilmour dwar il-ftehim tal-kirja kien vizzjat bil-qerq imwettaq min-naħa tal-atturi li, mingħajru, l-imħarrek ma kienx jersaq għall-ftehim. Fl-aħħarnett, ċaħad li l-atturi ġarrbu danni, anzi kienu l-imħarrkin li ġarrbu danni u kienu qegħdin jirriżervaw il-jedd ta' azzjoni xierqa kontra l-atturi meta jkun il-każ;

Rat in-Nota mressqa mill-Kuratur Deputat fil-25 ta' Settembru, 2000, li biha irtira l-ewwel eċċezzjoni preliminari tiegħu;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet ulterjuri mressqa mill-Kuratur Deputat fil-25 ta' Settembru, 2000, li biha qajjem l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin li jisimgħu l-każ kontra l-imħarrkin billi ma jirrikorri l-ebda wieħed mill-każijiet maħsuba fl-artikolu 742(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat il-verbal tas-smigħ tas-17 ta' Ottubru, 2000[3], li biha l-avukat tal-atturi ta ruħu b'notifikat bl-imsemmija eċċezzjoni ulterjuri minkejja li l-Kuratur Deputat ma ħarisx id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 728(2) tal-imsemmi Kapitolu 12 qabel ma ressaqha;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-eċċezzjoni preliminari ulterjuri;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjoni;

---

[3] Paġ. 95 tal-proċess

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża għad-danni minħabba nuqqas ta' twettiq u tħaris ta' rabtiet magħmula f'kuntratt. L-atturi kienu krew lill-imħarrek stabiliment kummerċjali għal sentejn. Ftit xhur wara, l-imħarrek bagħat jgħarrafhom li ma kienx se' jkompli bil-kirja u naqas li jħallas il-kera skond kif miftiehem. Minħabba f'dan it-twaqqif unilaterali, l-atturi jgħidu li ġarrbu danni u jridu li l-imħarrkin jitqiesu responsabbli għalihom u jħallsuhom is-somma hekk likwidata;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin (li għalihom deher avukat maħtur bħala Kuratur Deputat) laqgħu billi b'mod preliminari, (i) qajmu l-kwestjoni tal-*privilegium fori* ladarba, qabel ħallew dawn il-Gżejjer, kienu jgħixu f'Ghawdex, tant li proċeduri kawtelatorji mibdijin mill-atturi kontrihom kienu diġa' tressqu fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri Ċivili, u b'hekk irradikaw il-kompetenza ta' dik il-Qorti għall-kwestjoni; u (ii) li l-imħarrka Claire Burke Jones ma kellha l-ebda rabta ġuridika mal-atturi ladarba hija ma kellha l-ebda sehem fl-iffirmar tal-ftehim tal-kirja u lanqas qatt ħadet sehem fit-tmexxija tal-fond. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li l-kirja ma kenitx tiswa minħabba l-kawża illeċita billi l-oġġett tagħha kien kontra l-liġi. Żiedu jgħidu wkoll li l-kunsens tal-imħarrek Stephen Brownrigg Gilmour dwar il-ftehim tal-kirja kien vizzjat bil-qerq imwettaq min-naħa tal-atturi li, mingħajru, l-imħarrek ma kienx jersaq għall-ftehim. Fl-aħħarnett, ċaħdu li l-atturi ġarrbu danni, anzi kienu l-imħarrkin li ġarrbu danni u kienu qegħdin jirriżervaw il-jedd ta' azzjoni xierqa kontra l-atturi meta jkun il-każ. Aktar 'il quddiem, wara li ċedew l-ewwel eċċezzjoni preliminari, ressqu eċċezzjoni preliminari ulterjuri biex jgħidu li l-azzjoni attriċi taqa' 'l barra mill-ġurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta minħabba li, għall-każ, ma tgħodd l-ebda waħda

miċ-ċirkostanzi maħsuba fl-artikolu 742(1) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili ta' Malta;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar din l-eċċezzjoni preliminari ulterjuri;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li fit-13 ta' Mejju, 1998[4], l-atturi krew lill-imħarrek il-fond bl-isem ta' "*Tower Point Guest House*", f'numru 4, Triq Sir George Borġ, Sliema, għal żmien sentejn mill-15 ta' Marzu ta' dik is-sena (bil-fakulta' ta' tiġdid bi żmien ta' sena kull darba bi qbil bejn il-partijiet), bl-ewwel sena tkun waħda *di fermo*, u dan taħt il-patti u l-kundizzjonijiet kollha hemm imsemmija. Għalkemm kienet miftehma kera ta' għaxart elef lira Maltin (Lm 10,000) fis-sena, għall-ewwel sentejn il-kera kienet tnaqqset amministrattivament għal tmint elef u ħames mitt lira Maltin (Lm 8,500)[5] kull sena;

Illi dak inhar ukoll, sar ftehim ieħor bejn l-atturi u l-imħarrek li bih tawh il-fakulta' li jagħżel li jixtri l-fond li kienu għadhom kemm krewlu, u dan bil-patti u l-kundizzjonijiet imfissra fl-istess ftehim;

Illi dak iż-żmien, l-imħarrek kien joqgħod fl-Imdina. L-imħarrka kienet toqgħod f'Ta' Kerċem, Għawdex;

Illi l-imħarrek kien ħallas lill-atturi elfejn mija u ħamsa u għoxrin lira Maltin bħala kera bil quddiem f'Marzu tal-1998, u kien tahom ukoll *cheque* għal elf lira Maltin li kellu jinżamm mill-atturi;

Illi f'Lulju tal-1998, l-atturi bagħtu żewġ ittri uffiċjali lill-imħarrek: fl-ewwel waħda tat-8 ta' Lulju, talbuh iħallashom l-iskadenzi tal-kera li kien naqas iħallas f'waqthom skond il-ftehim; filwaqt li fit-tieni waħda, ftit jiem

[4] Dok "A", f'paġġ. 6 sa 13 tal-proċess
[5] Li jġibu €19,799.67 fi flus tal-lum

wara, talbuh iroddilhom lura l-post minħabba li kien naqas milli jħallas il-kera ta’ żewġ skadenzi[6];

Illi fit-3 ta’ Awissu, 1998[7], l-imħarrek kiteb lill-atturi biex jgħarrafhom li kien intebah x’kien ġara dwar it-tħaddim tal-istabiliment u li kien ser jitlaq minn Malta hekk kif kien qiegħed jittama li jibda jara l-frott tal-investiment tiegħu ladarba l-istaġun turistiku kien dieħel fl-aqwa tiegħu;

Illi f’Novembru tal-1998, l-atturi fetħu din il-kawża. L-imħarrkin ħallew Malta għal kollox fil-bidu tal-1999[8], għalkemm jidher li l-imħarrek qatta’ żmien barra minn Malta wkoll fl-aħħar nofs tal-1998[9] ;

Illi l-<u>konsiderazzjonijiet ta’ natura legali</u> marbutin mal-eċċezzjoni taħt eżami jitolbu stħarriġ ta’ aspett ewlieni ta’ kull kawża, jiġifieri dak li jagħti s-setgħa lil qorti li tisma’ kawża mressqa quddiemha, marbuta ma’ kundizzjoni ta’ waħda mill-partijiet f’dik il-kawża. Din hija eċċezzjoni ikklassifikata bħala dilatorja tal-ġudizzju u li, skond l-artikolu 730 tal-Kodiċi għandha tiġi maqtugħa b’deċiżjoni għaliha, jew qabel jew inkella flimkien mas-sentenza fuq il-mertu. L-eċċezzjoni taħt eżami hija, fil-qofol, eċċezzjoni dwar il-kompetenza[10] ta’ Qorti li tqis talba mressqa quddiemha u dan skond ma jissemma fl-artikolu 741(a) tal-Kodiċi, u li b’rieda tal-liġi hija waħda mill-eċċezzjonijiet li l-Qorti tista’ tqanqal minn rajha[11], imbasta dan isir f’waqt bikri tal-kawża *in limine*[12]. Dan ifisser ukoll li l-eċċezzjoni dwar il-ġurisdizzjoni, minħabba n-natura tagħha, trid titressaq qabel ma l-parti mħarrka tieħu xi sehem fil-kawża b’mod li wieħed jifhem li hija tkun aċċettat il-ġurisdizzjoni[13];

---

[6] Dok “D”, f’paġ. 16 tal-proċess
[7] Dok “B”, f’paġ. 14 tal-proċess
[8] Xhieda tal-Avukat Grezzju Merċieca 7.3.2000, f’paġ. 54 tal-proċess
[9] Dokti “GM6”, “GM8” u “GM9”, f’paġġ. 46 – 9 tal-proċess
[10] App. Ċiv. **31.1.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Paċe et noe*** (Kollez. Vol: **LXXX.ii.320**)
[11] P.A. **25.10.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Wells vs Borġ Olivier de Puget et noe*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.749**)
[12] Kumm. **14.5.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Portelli vs Portanier Mifsud et*** (Kollez. Vol: **XLI.iii.1228**)
[13] Ara P.A. RCP **12.7.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Lifts Services Limited vs Dr. Dominic Cassar et noe*** (*in parte*)

Illi minħabba li s-setgħa li qorti tisma' kawża toħroġ mil-liġi, kull deroga li żżommha milli tkun tista' twettaq dik is-setgħa tagħha trid tkun waħda espressa u mogħtija tifsira ristretta[14]. Madankollu hija r-rieda tal-liġi wkoll li, f'każijiet partikolari, il-Qorti tqajjem minn rajha ("*ex officio*") il-kwestjoni tas-setgħa tagħha li tisma' kawża, wkoll meta l-parti mħarrka tonqos li tqanqal l-eċċezzjoni meħtieġa jew nieqsa minn Malta u tkun rappreżentata minn kuraturi deputati[15];

Illi jidher li huwa aċċettat li l-kejl li qorti trid tieħu biex tara jekk kemm-il darba għandhiex is-setgħa li tisma' kawża hu dak li tqis kif kienu ċ-ċirkostanzi meta l-kawża tkun tressqet quddiemha[16], u ċ-ċirkostanzi li jseħħu wara u li bihom il-ġurisdizzjoni ta' qorti tkun tista' trieġi ma jgħoddux biex inisslu tali ġurisdizzjoni;

Illi jibda biex jingħad li, minkejja l-mod kif l-artikolu 742(1) huwa msawwar, il-kwestjoni ta' jekk Qorti Maltija għandhiex is-setgħa li tisma' u tqis kawża mressqa quddiemha (u li l-mertu tagħha jaqa' fil-kompetenza tagħha) trid titqies b'riferenza għall-kwalitajiet tal-persuna mħarrka, l-iżjed fejn ir-raġuni tal-ġurisdizzjoni hija mibnija fuq il-preżenza tal-parti mħarrka f'Malta[17]. Din it-tifsira m'hija xejn għajr l-applikazzjoni tal-massima ġuridika ewlenija li *actor sequitur forum rei* u tal-oħra li tipprovdi *ubi te invenio, ibi te convenio*;

Illi, fil-każ partikolari u mill-provi li tressqu s'issa wieħed irid ifittex jekk (a) jirriżultax li l-obbligazzjoni li biha ntrabat l-imħarrek hijiex waħda li ġiet kontrattata f'Malta jew inkella jekk kellhiex tiġi eżegwita f'Malta, u (b) jekk, minħabba l-fatt li l-imħarrkin ma jinsabux f'Malta fiżikament, il-"preżenza" tagħhom hijiex mod ieħor

---

[14] App. Ċiv. **10.10.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech et vs Zarb noe et*** (Kollez. Vol: **XXXVI.i.236**)
[15] Art. 774(a) tal-Kap 12
[16] App. Ċiv. **2.6.1969** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Gerald Montanaro Gauċi noe vs Mary Elizabeth Bickford et*** (mhix pubblikata)
[17] App. Ċiv. **8.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Catharina Harvey vs Dr. Peter Caruana Galizia noe***

stabilita fil-persuna tal-Kuratur Deputat maħtur biex jidher għalihom fl-atti tal-kawża u fl-atti l-oħrajn konnessi u ancillari;

Illi m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-ewwel tliet (3) ċirkostanzi kontemplati fil-paragrafi (a), (b) u (ġ) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 742 ma japplikawx għal dan il-każ. L-imħarrkin *proprio* ma jaqgħu taħt l-ebda waħda mill-kategoriji ta' persuni li jistgħu jitqiesu bħala persuni li l-Qrati Maltin jistgħu jeżerċitaw ġurisdizzjoni dwarhom minħabba n-nazzjonalita', id-domiċilju jew li aċċettaw li joqogħdu għall-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin. Lanqas ma jidher li tgħodd iċ-ċirkostanza maħsuba fl-artikolu 742(1)(f) għaliex ma ntweriex li l-imħarrkin għandhom xi ġid f'Malta li, f'każ li l-atturi jirnexxu fl-azzjoni tagħhom, tali azzjoni tista' tkun eżegwita f'Malta;

Illi għalhekk, jeħtieġ li jitqiesu t-tliet (3) ċirkostanzi l-oħrajn imsemmijin f'dak l-artikolu, għaliex jekk l-ebda waħda minnhom ma tirrizulta, allura l-eċċezzjoni taħt eżami għandha titqies mistħoqqa;

Illi fis-sottomissjonijiet tiegħu quddiem il-Qorti, l-għaref difensur tal-atturi seħaq li l-Qorti għandha s-setgħa li tisma' l-kawża fuq is-saħħa tal-artikolu 742(1)(ċ). Il-Kuratur deputat, min-naħa tiegħu, qal li l-għamla ta' azzjoni mressqa mill-atturi żgur ma hijiex waħda li għaliha tgħodd dik id-dispożizzjoni. Minbarra li, b'tali sottomissjoni, l-atturi jidhru li qegħdin jaċċettaw li ċ-ċirkostanza waħdanija li fuqha jistgħu jwaqqgħu l-eċċezzjoni in kwestjoni, il-Qorti ma jidhrilhiex li azzjoni bħal dik mibdija mill-atturi taqa' taħt l-imsemmi sub-inċiż li japplika għal azzjoni reali dwar ħaġa li tkun tinsab f'Malta, filwaqt li l-kawża preżenti hija waħda personali, sewwasew konsistenti f'talba għall-ħlas ta' danni[18];

[18] Ara, per eżempju, P.A. **3.12.1962** fil-kawża fl-ismijiet ***Cassar et vs Montanaro Gauċi et noe*** (Kollez. Vol: **XLVI.ii.727**)

Illi ż-żewġ ċirkostanzi li jsegwu[19] jitolbu l-preżenza tal-imħarrek f'Malta. Għall-finijiet ta' dawn id-dispożizzjonijiet, bi "preżenza" wieħed ma jifhimx biss preżenza attwali u fiżika, imma jinkludi fiha wkoll preżenza permezz ta' persuna rappreżentanti tagħha[20]. Minbarra dan, il-kelma "obbligazzjoni" m'għandhiex titfisser b'mod restrittiv, imma għandha tgħodd għal kull rabta li titnissel *ex lege*, minn kuntratt u saħansitra minn dawk imnisslin *ex delicto*[21];

Illi, jekk wieħed iqis il-fattispeċi tal-każ, għandu jirriżulta li n-negozju li nissel ir-rabta bejn l-atturi u l-imħarrek seħħ f'Malta. Ma hemmx dubju wkoll li r-rabta kuntrattwali kellha titwettaq f'Malta. Għal dak li jirrigwarda l-aspett jekk persuna tkunx intrabtet li twettaq obbligazzjoni f'Malta jew li f'Malta jseħħ l-effett tal-obbligazzjoni, wieħed irid jifhem li l-leġislatur ried jirreferi għal dawk l-obbligazzjonijiet li, min-natura tagħhom stess jew mill-mod ta' kif u fejn għandhom jiġu eżegwiti, tabilfors jeħtieġu li jingħata effett lilhom f'Malta[22]. Filwaqt li l-Qorti tifhem li r-rabta li saret bejn l-imħarrek u l-atturi kienet obbligazzjoni li titwettaq f'Malta, ma tarax kif dik ir-rabta setgħet tgħodd ukoll għall-imħarrka, ladarba la kienet firmatarja tal-kuntratt tal-kirja u lanqas intwera li ntrabtet biex tagħmel tajjeb għall-obbligi tal-imħarrek l-ieħor;

Illi l-Kuratur Deputat issottometta li wkoll kieku wieħed kellu jgħid li għall-każ tal-imħarrek kellu jgħodd id-dispożittiv tal-inċiż (d) tal-artikolu 742(1), xorta waħda jibqa' l-fatt li l-imħarrek ma kienx f'Malta meta saret in-notifika tal-atti bil-mezz tal-pubblikazzjoni u tal-affissjoni. Jidher li dan l-argument huwa sostnut mill-ftit provi mressqa mill-partijiet;

---

[19] Art. 742(1)(d) u (e) tal-Kap 12

[20] Kumm. **29.5.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Parnis England noe vs England noe*** (Kollez. Vol: **XLIII.iii.856**)

[21] Ara, per eżempju, P.A. **11.1.1918** fil-kawża fl-ismijiet ***G.E.C. vs Page et*** (Kollez. Vol: **XXIII.ii.277**)

[22] Kumm. GS **5.11.1979** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Michael Mallia noe vs Charles H. Rosemblatt*** (mhix pubblikata)

Illi dwar dan il-punt ukoll ma hemmx qbil bejn il-partijiet. L-għaref difensur tal-atturi jgħid li meta nħareġ il-Mandat kawtelatorju kontra l-imħarrkin, dawn kienu għadhom joqogħdu Għawdex fejn kienet saret in-notifika ta' dak l-att ġudizzjarju. Jgħid ukoll li, meta nfetħet din il-kawża, ma kienx hemm x'juri li l-istess imħarrkin kienu ħallew Malta;

Illi l-Qorti ma taqbilx ma' din il-pożizzjoni tal-atturi. Huwa stabilit li, biex wieħed iqis jekk il-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin safejn titlob il-preżenza tal-parti mħarrka hijiex radikata, dak li jgħodd huwa l-ħin li fih il-parti mħarrka tkun notifikata bl-atti tal-kawża għaliex hu f'dak il-waqt li l-parti mħarrka tkun issejħet biex tidher quddiem il-Qorti[23]. Il-fatt li l-parti mħarrka kienet laqgħet in-notifika ta' att kawtelatorju qabel infetħet il-kawża ma jsejjisx dak l-element ta' preżenza meħtieġ meta ssir in-notifika tal-atti tal-kawża;

Illi jifdal li jiġi mistħarreġ jekk, safejn il-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin tiddependi mill-preżenza tal-parti mħarrka f'Malta, jistax jingħad li tali preżenza twettqitx bil-ħatra ta' Kuratur Deputat. Dwar dan, il-Qrati tagħna sa minn żmien stabilew li l-ħatra ta' Kuraturi Deputati tagħmel tajjeb għan-nuqqas fiżiku tal-parti debitriċi fil-ġurisdizzjoni[24]. B'dan il-mod, u bil-ħarsien tal-proċedura speċifika li trid il-liġi, il-Kuratur Deputat maħtur minn Qorti fuq talba tal-parti attriċi jieħu fuqu l-personalita' tal-parti mħarrka li tista' tkun mhux magħrufa, inkapaċi jew saħansitra 'l bogħod mill-ġurisdizzjoni waqt iż-żmien li l-kawża tkun qegħda tinstama' jew waqt parti minn dak iż-żmien[25];

Illi b'żieda ma' dan huwa stabilit ukoll li l-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin taħt id-dispożizzjonijiet relativi tal-artikolu 742 hija msejsa kif imiss imqar jekk il-parti mħarrka kellha f'Malta mandatarju speċjali (jiġifieri mhux wieħed b'ħatra

[23] Kumm. GS **27.2.1975** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Edward Fenech Adami noe vs Dr. Ian Refalo et noe*** (mhix pubblikata)
[24] P.A. **7.6.1926** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech et vs Vigo*** (Kollez. Vol: **XXVI.ii.298**)
[25] Kost. **10.6.1966** fil-kawża fl-ismijiet ***Leone Misrahi et vs Rosaria armla Cassar et*** (Deċiż. Kost., Għ.S.L., 1979, paġġ. 179-180)

ġenerali), jekk kemm-il darba l-azzjoni kienet waħda li tolqot is-setgħat mogħtijin b'mandat bħal dak[26]. Il-Kuraturi Deputati, madankollu m'għandhomx jingħaddu bħallikieku sempliċi mandatarji[27], għaliex bejn il-ħatra ta' mandatarju min-naħa tal-persuna li ma tinsabx f'Malta u l-ħatra ta' Kuraturi Deputati biex jidhru għalih jidher li hemm differenza fondamentali. Tali differenza tikkonsisti mill-fatt li l-ħatra ta' mandatarju (imqar jekk bi prokura ġenerali) hija volontarja min-naħa tal-mandant, filwaqt li huwa ma jkollu l-ebda sehem (anzi, x'aktarx hija ħatra ko-atta) fil-ħatra f'ismu ta' Kuraturi Deputati. Il-Qorti hija tal-fehma li l-ħatra waħedha ta' Kuratur Deputat għal parti li ma tkunx tinsab f'Malta m'hijiex biżżejjed biex issejjes l-element ta' preżenza fil-ġurisdizzjoni, fejn tali preżenza hija meħtieġa, imma sservi biss biex tintegra l-ġudizzju fejn, **minħabba ċirkostanzi oħrajn li bihom il-ġurisdizzjoni hija altrimenti stabilita**, kawża titressaq quddiem Qorti Maltija. Li kieku kellha tingħata tifsira oħra, kien ikun ifisser li l-ħtieġa tal-liġi għall-preżenza tal-parti mħarrka f'Malta kienet tkun waħda sempliċement tejoretika, billi din setgħet tingħeleb kull darba billi wieħed jirrikorri għall-ħatra ta' Kuratur Deputat u b'hekk joħloq "il-preżenza";

Illi mill-atti tal-każ li l-Qorti għandha quddiemha joħroġ li ntwera li l-aħħar darba li l-imħarrek telaq minn Malta kien f'Jannar tal-1999. Il-Qorti appuntat il-kawża għall-25 ta' Mejju, 1999, b'degriet mogħti fis-7 ta' Diċembru, 1998[28]. L-ewwel riferta (negativa) magħmula f'April tal-1999[29] tgħid li l-imħarrkin kienu msefrin. It-talba magħmula mill-atturi biex in-notifika ssir bl-affissjoni u l-pubblikazzjoni saret f'Novembru tal-1999[30] u d-degriet relattiv ingħata aktar tard f'dak l-istess xahar. Minkejja dan, ir-riferta (negattiva) tal-affissjoni mal-post ta' residenza imsemmi tgħid li l-imħarrek kien imsiefer[31]. Id-degriet li idderieġa lill-atturi jgħaddu għat-talba għall-ħatra ta' "kuraturi

[26] Kumm. **9.4.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Mirabelli noe vs Mifsud noe et*** (Kollez. Vol: **LXXVI.ii.652**)
[27] Ara App. Ċiv. **15.12.1945** fil-kawża fl-ismijiet ***Debono et vs Falzon*** (Kollez. Vol: **XXXII.i.321**) u l-għadd ta' sentenzi hemm imsemmija li jfissru l-pożizzjoni differenti tal-Kuraturi Deputati, kuraturi *ad litem* u mandatarji
[28] Paġ. 19 tal-proċess
[29] Paġ. 21 tal-proċess
[30] Paġ. 27 tal-proċess
[31] Paġ. 30 *tergo* tal-proċess

deputati bis-soltu proċedura" ngħata fis-7 ta' Marzu, 2000. Dawn iċ-ċirkostanzi kollha juru li f'kull waħda minn dawn il-ġrajjiet, l-ebda wieħed mill-imħarrkin ma kien jinsab f'Malta u lanqas ma kien rappreżentat minn xi mandatarju. Sa ċertu punt, u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li saru aktar qabel, il-ħatra ta' kuraturi deputati ma swiet għal xejn jew ma messhiex saret mill-ewwel, ladarba ħareġ li l-ebda wieħed mill-imħarrkin ma kien għadu jinsab f'Malta u miċ-ċirkostani l-oħrajn tal-każ sata' kien jidher li ma kien hemm l-ebda rabta li tnissel il-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin;

Illi, għalhekk, safejn allura hemm ċirkostanzi fejn il-preżenza tal-imħarrek f'Malta hija meħtieġa, ma jidhirx li dan il-vot huwa mwettaq f'dan il-każ;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-eċċezzjoni preliminari ulterjuri** mressqa mill-Kuratur Deputat u ssib li din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa li tisma' l-kawża billi, meta nfetħet il-kawża, ma kienet toqgħod għaliha l-ebda waħda miċ-ċirkostanzi maħsuba fl-artikolu 742(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u

**Tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra l-atturi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------